**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/034 |
| **Ilment:** | Allegazzjoni ta' klijenteliżmu fl-ingaġġ tal-avukat Dr Cheryl Azzopardi bħala konsulent legali |
| **Ilmentatur:** | Carmel Cacopardo |
| **Data tal-Ilment:** | 8 ta' Jannar 2021 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 22 ta' Jannar 2021 |

## L-Ilment

1. Permezz ta' email datat it-8 ta' Jannar 2021 (anness u mmarkat bħala Dokument A) il-Perit Carmelo Cacopardo ("l-Ilmentatur") talabni ninvestiga l-aġir tal-Onor Edward Zammit Lewis bħala Ministru tal-Ġustizzja u Ugwaljanza. L-Ilmentatur allega li l-Ministru ngaġġa lill-avukat Dr Cheryl Azzopardi bħala konsulent legali permezz ta' ordni diretta (direct order) għal skopijiet ta' "klijenteliżmu sfrenat u abbuż għal vantaġġ elettorali".

2. L-Ilmentatur ibbaża l-ilment tiegħu fuq artiklu intitolat "*Edward Zammit Lewis using direct orders to lure Chris Cardona's votes*" li deher fil-ġurnal elettroniku *The Shift News* fis-7 ta' Jannar 2021.[1]

## Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni

3. L-Ilmentatur ma jindikax liema dispożizzjoni tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari ġiet miksura, fl-opinjoni tiegħu, mill-

[1] Ara https://theshiftnews.com/2021/01/07/edward-zammit-lewis-using-direct-orders-to-lure-chris-cardonas-votes/.

Ministru. L-imsemmi Kodiċi ta' Etika jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta).

4. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi li jiena nqis rilevanti għall-każ huma:

> *4.5 Il-Ministri għandhom jaraw li d-dipartimenti governattivi u l-entitajiet li jaqgħu fid-dekasteru tagħhom jitmexxew tajjeb u b'għaqal.*
>
> *4.7 Il-Ministri għandhom jassiguraw illi ma jkun hemm l-ebda konflitt ta' interess bejn id-doveri pubbliċi tagħhom u l-interessi personali.*
>
> *5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.*

**Il-Kuntest**

5. Fis-7 ta' Jannar 2021, deher artiklu fuq il-website tal-ġurnal elettroniku *The Shift News* li allega li:

> *Justice Minister Edward Zammit Lewis, who failed to get re-elected in the 2017 general elections despite his close friendship with disgraced former Prime Minister Joseph Muscat, is now doing his best to ensure a better result next time round by using his position to lure voters loyal to former Minister Chris Cardona.*
>
> *The Justice Ministry has been dishing out lucrative direct orders to companies close to the former Economy Minister and to 'influential' canvassers of Zammit Lewis' former rival on the Birkirkara district.*
>
> *Zammit Lewis has put on his Ministry's payroll the daughter of Cardona's former Chief of Staff Mario Azzopardi, offering her a financial package of close to €50,000 even though she has only recently graduated and has limited experience.*
>
> *Cheryl Azzopardi, who graduated in 2015, was recruited through a direct order last March for the "provision of legal services" within the Justice Ministry.*

*This may be seen as a strategic move by Zammit Lewis to garner votes in the district as Azzopardi, an old Labour hand in Birkirkara, is in a strong position of influence.*

*Mario Azzopardi, a former President of the Birkirkara Labour Committee, served as Chris Cardona's right-hand man for many years, serving also as Cardona's chief of staff when Minister.*

*He was the person who took the rap for a scandal involving hundreds of euro spent during an alcohol-ridden night in a hotel room in Dubai during a Ministerial visit where Cardona was present.*

*Azzopardi was originally the chief canvasser of former Labour stalwart Joe Debono Grech but he switched to Cardona after falling out with the former Labour Minister.*

*Zammit Lewis's new legal consultant, Cheryl Azzopardi, is married to lawyer Mark Vassallo who is currently one of the defence lawyers of Keith Schembri.*[2]

6. Il-bażi tal-ilment tikkonċerna l-allegazzjoni illi r-raġuni għall-għoti ta' kuntratt għall-ingaġġ tal-avukat Dr Cheryl Azzopardi, permess ta' ordni diretta, kienet biex il-Ministru jieħu vantaġġ elettorali.

7. Kwalunkwe allegazzjonijiet oħra li jidhru f'dak l-artiklu u li jikkonċernaw persuni oħra mhux ser jiġu kkunsidrati għall-finijiet ta' dan ir-rapport.

8. Fit-8 ta' Jannar 2021 il-ġurnal *Malta Today* irrapporta li l-Perit Carmel Cacopardo issottometta l-ilment tiegħu dwar dan il-każ. Ir-rapport ta sommarju qasir ħafna tal-allegazzjonijiet minn *The Shift News*. Aktar tard fl-istess ġurnata, ir-rapport fil-*Malta Today* ġie aġġornat bl-inklużjoni ta' stqarrija tal-Ministru Zammit Lewis. Is-silta fir-rapport aġġornat li tikkwota l-Ministru hija din li ġejja:

*However, in a reply to Cacopardo's claims, the Justice Minister insisted that Azzopardi was one of the first lawyers to be engaged with a contract for service within the Directorate for Human Rights (HRD) when it was set*

[2] Ara n-nota nru 1.

*up in 2015 as the Directorate for Human Rights and Integration. "At the time I was tourism minister," Zammit Lewis said.*

*He added that when he was appointed Equality Minister in July 2019, he re-affirmed the contract for Azzopardi in the directorate since she had been "knowledgeable and fit for purposes".*

*Azzopardi is part of the legal team that worked on the process to draft the Equality Bills, currently being debated in parliament.*

*"I believe that, minimum standards should be set for politicians to check the facts before forwarding such unfounded allegations and moreover to make caluminous reports," Zammit Lewis added.* [3]

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

9. Ikkunsidrajt l-ilment u l-artikli f'*The Shift News* u *Malta Today*.

10. Jiena ktibt lill-Ministru fil-11 ta' Jannar 2021 (kopja tal-ittra annessa u mmarkata bħala Dokument B) fejn tlabtu jikkonferma l-kontenut tal-istqarrija tiegħu kif rapportata mill-*Malta Today* b'risposta għall-ilment, kif ukoll biex jipprovdini b'kopji tal-kuntratti ta' Dr Cheryl Azzopard u biex jagħti kwalunkwe kummenti oħra li xtaq jagħmel b'reazzjoni għall-ilment.

11. Il-Ministru rrisponda permezz ta' ittra datata t-12 ta' Jannar 2021 (annessa u mmarkata bħala Dokument Ċ), fejn qal:

*"Filwaqt li nikkonferma l-fatti fl-istqarrija tiegħi skont kif rappurtati fis-sit elettroniku indikat minnek, anness qed nirriproduċi wkoll, f' Dokument 'A', id-dritt għar-risposta tiegħi li l-Uffiċjal tal-Komunikazzjoni tiegħi bagħtet lill-aġenzija tal-aħbarijiet MaltaToday.*

*Intenni li d-Direttorat in kwistjoni ġie stabbilit f'Novembru tat-2015, kien sena wara, ċioe 21 Novembru 2016, li kienet ingaġġata Dr Cheryl Vassallo. F'dokumenti 'B', 'Ċ', 'D' u 'E' hekk kif annessi, qed nibgħatlek il-kopji tal-kuntratti li bihom kienet ingaġġata l-Avukat in kwistjoni, mad-*

[3] L-artiklu in kwistjoni huwa aċċessibbli minn https://www.maltatoday.com.mt/news/national/106906/adpd_asks_standards_commissioner_to_probe_justice_minister_over_direct_orders#.YAFYLOhKhPY.

*Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem u Integrazzjoni (HRD), sena b'sena mill-2016 sat-tiġdid tad-19 ta' Marzu 2019.*

*Skont kif kien rappurtat lili meta assumejt ir-responsabbiltà ta' Ministru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza f'Lulju tal-2019, u sussegwentement meta dħalt sew fl-irwol, dejjem kont infurmat li Dr Cheryl Vassallo (xebba Azzopardi) dejjem qdiet dmirha b'mod professjonali u tat servizz kostanti lid-Direttorat li kienet mitluba sservi fih.*

*Intenni ukoll li Dr Cheryl Vassallo assolutament qatt ma kienet involuta fil-ħidma politika tas-Segretarjati tal-Ministeri rispettivi mmexxija minni u li hi dejjem irrappurtat lid-Direttur responsabbli mid-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Dr Vassallo kienet involuta fit-tfassil ta' diversi abbozzi ta' liġijiet relatati mal-ugwaljanza u d-drittijiet tal-bniedem, ewlenin fost dawn hemm; l-Att dwar il-Koabitazzjoni, l-Att dwar l-Ugwaljanza, l-Att dwar il-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza, u l-Att dwar il-Vjolenza Domestika u l-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru. Hi kontinwament tassisti wkoll lid-Direttorat fi kwalunkwe ħidma legali relatata mar-responsabbiltajiet ta' dan l-Uffiċċju.*

*Xhieda ta' dak iddikjarat minni f'din l-ittra huma s-Segretarji Permanenti tal-Ministeri rispettivi li jien kont u għadni responsabbli minnhom, kif ukoll iż-żewġ Diretturi li mexxew id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem sa mit-twaqqif tiegħu fl-2015.*

*l-Uffiċjali responsabbli mill-ħidma ta' Dr Cheryl Azzopardi huma:*

- *Mill-2019 sal-bidu tal-2020, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza, s-Sur Joe Camilleri*

- *Mill-2020 sal-lum, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza, s-Sur Johan Galea*

- *Mill-2015 sal-2019, id-Direttur tad-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem, is-Sur Silvan Agius*

- *Mill-2019 sal-lum, id-Direttur tad-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem, is-Sur Michael Camilleri.*

12. Annessi mal-ittra tal-Ministru kien hemm kopji ta' erba' kuntratti li rispettivament ikopru l-perjodi Novembru 2016 sa Ġunju 2017; Lulju 2017 sa Marzu 2018; Marzu 2018 sa Marzu 2019; u Marzu 2019 sa Marzu 2020.

13. Fl-20 ta' Jannar 2021 erġajt ktibt lill-Ministru Zammit Lewis (Dokument D) u tlabtu l-kuntratt kurrenti ta' Dr Cheryl Vassallo, jiġifieri dak li jkopri l-perjodu minn Marzu 2020 'il quddiem. Il-Ministru wieġeb permezz ta' ittra datata 21 ta' Jannar 2021 (Dokument E) li magħha kellha annessa kopja tal-kuntratt in kwistjoni, li jkopri perjodu ta' sena bħat-tnejn ta' qablu.

14. F'din l-ittra l-Ministru Zammit Lewis osserva li:

> *... mal-bidla fl-Amministrazzjoni f'Jannar tal-2020, il-Prim Ministru appuntani f'Ministeru ġdid u din id-darba għamel Segretarju Parlamentari biex tassisti l-ħidma Ministerjali tiegħi. ... Ninfurmak li l-Avukat bdiet taqa' taħt ir-responsabbiltà politika diretta tas-Segretarju Parlamentari.*
>
> *Ninfurmak ukoll illi l-kuntratt kien imġedded fuq l-istess termini, jiġifieri ħa taqdi dmirha fid-Direttorat għad-Drittijiet Umani u tirrispondi lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tiegħi u lid-Direttur ta' dan id-Dipartiment.*

15. Miniex qed nippubblika kopji tal-kuntratti tal-ingaġġ ta' Dr Cheryl Vassallo għall-finijiet ta' privatezza, peress li mhix persuna fil-ħajja pubblika u l-ilment ma jikkonċernax speċifikament id-dispożizzjonijiet fil-kuntratt.

## Konsiderazzjonijiet

16. Il-kopji tal-kuntratti fornuti mill-Ministru Zammit Lewis jindikaw li Dr Cheryl Vassallo (dak iż-żmien Azzopardi) ġiet ingaġġata b'effett mill-21 ta' Novembru 2016 biex tipprovdi "*pariri legali u assistenza fl-oqsma tad-drittijiet umani, l-ugwaljanza u l-vjolenza kontra n-nisa*". L-aktar kuntratt riċenti jispeċifika li Dr Vassallo għandha "*tirrappreżenta u tagħti pariri lill-Ministeru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza u d-Direttorat għad-Drittijiet Umani bl-aħjar mod li tista*'".[4] Il-kuntratti kollha huma kuntratti għal servizz, mhux kuntratti ta' mpieg.

[4] Traduzzjoni mill-Ingliż.

17. L-ewwel kuntratt kien validu sal-aħħar ta' Ġunju 2017. It-tieni kuntratt kien jgħodd mill-31 ta' Lulju 2017 sat-12 ta' Marzu 2018. It-tielet, ir-raba' u l-ħames kuntratti saru għal perjodu ta' sena mill-20 ta' Marzu 2018, l-20 ta' Marzu 2019 u t-18 ta' Marzu 2020 rispettivament.

18. L-ewwel kuntratt sar bejn il-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, l-Affarijiet tal-Konsumatur u l-Libertajiet Ċivili u l-Avukat Vassallo (dak iż-żmien Azzopardi) filwaqt li t-tieni, it-tielet u r-raba' kuntratti saru mill-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza. L-ebda wieħed minn dawn il-kuntratti ma jispeċifika f'liema uffiċċju jew direttorat tal-ministeru relevanti kellha taħdem l-Avukat Vassallo iżda l-oqsma tas-servizzi li hija kienet obbligata tipprovdi jaqgħu fil-kompetenza tad-Direttorat għad-Drittijiet Umani. F'dan is-sens il-kuntratti huma konsistenti mal-istqarrija tal-Ministru Zammit Lewis.

19. Il-ħames kuntratt sar mill-Ministeru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza u, kif diġà ġie indikat, jispeċifika li Dr Vassallo għandha tipprovdi s-servizzi tagħha sew lill-ministeru u sew lid-Direttorat għad-Drittijiet Umani.

20. Il-kuntratti jikkonfermaw li Dr Cheryl Vassallo ġiet ingaġġata ferm qabel ma l-Ministru Zammit Lewis ħa r-responsabbiltà għall-ministeru relevanti. Dan ifisser li l-Ministru Zammit Lewis ma kienx responsabbli għall-ingaġġ ta' Dr Vassallo u għaldaqstant ma setax għamel l-ingaġġ biex jieħu xi vantaġġ elettorali.

21. Ikkunsidrajt jekk l-aktar kuntratt riċenti, li huwa l-uniku wieħed li ġie ffirmat taħt ir-responsabbiltà ministerjali ta' Dr Zammit Lewis, jipprovdix xi benefiċċji addizzjonali meta mqabbel mal-kuntratti ta' qablu. Biss, l-aktar kuntratt riċenti jżomm l-istess rata ta' ħlas fis-siegħa ta' dawk ta' qablu u jvarja biss fil-massimu ta' ħlas li jista' jingħata matul it-tnax-il xahar tal-kuntratt. Dan il-massimu jirrappreżenta 1,200 siegħa xogħol, żieda limitata meta mqabbel mal-kuntratt ta' qablu li jimponi massimu ekwivalenti għal 1,040 siegħa. Għaldaqstant lanqas jista' jingħad li l-aktar kuntratt riċenti huwa aktar ġeneruż minn ta' qablu.

22. Hemm lok għal tħassib dwar jekk kuntratt bħal dan kellux jingħata b'ordni diretta, jiġifieri mingħajr sejħa għall-offerti li tkun intiża biex tidentifika persuni bi kwalifiċi jew esperjenza fl-oqsma relevanti; u jekk kellux jieħu l-forma ta' kuntratt ta' impieg minflok kuntratt għal servizz, b'mod partikolari fid-dawl tal-Ordni ta' Standard Nazzjonali dwar l-Istatus tal-Impjieg (LS 452.108). Kuntratt ta' mpieg mad-Direttorat għad-Drittijiet Umani jaqa' taħt

id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, li jeżiġi li impieg isir skont il-mertu. Madankollu dawn id-domandi ma tqajmux mill-Ilmentatur u għaldaqstant miniex se nidħol fihom għall-finijiet ta' dan il-każ.

**Konklużjonijiet**

23. L-allegazzjonijiet fl-artiklu ta' *The Shift News* jidhru li huma bbażati fuq il-premess li l-Ministru Zammit Lewis kien personalment risponsabbli għall-ingaġġ tal-avukat Cheryl Vassallo, u dan għal skop ta' benefiċċju personali jew politiku. Madankollu jidhirli li l-Ministru aġixxa b'kontinwità tal-proċess annwali ta' tiġdid tal-kuntratt ta' Dr Vassallo. Il-Ministru Zammit Lewis ma kienx il-ministru risponsabbli meta Dr Vassallo ġiet ingaġġata oriġinarjament u għaldaqstant l-allegazzjoni li ħa vantaġġ mill-ingaġġ ma tistax tiġi sostnuta. Għalhekk ma nsib ebda ksur ta' etika da parti tal-Ministru fl-ingaġġ ta' Dr Cheryl Vassallo.

24. Kopji ta' dan ir-rapport qed jintbagħatu lill-Ilmentatur, lill-Ministru Edward Zammit Lewis, u lill-Kumitat tal-Parlament għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-informazzjoni tiegħu. Kopja se titqiegħed ukoll fuq il-website tal-uffiċċju tiegħi.[5]

**Dr George Marius Hyzler**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

[5] https://standardscommissioner.com/?lang=mt.

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Email datat 8 ta' Jannar 2021 mingħand il-Perit Carmel Cacopardo. |
| Dokument B | Ittra tiegħi lill-Ministru Dr Edward Zammit Lewis bid-data tal-11 ta' Jannar 2021. |
| Dokument Ċ | Ittra datata 12 ta' Jannar 2021 mingħand il-Ministru Zammit Lewis (riprodotti hawn mingħajr il-kuntratti annessi). |
| Dokument D | Ittra tiegħi lill-Ministru Zammit Lewis tal-20 ta' Jannar 2021. |
| Dokument E | Ittra datata 21 ta' Jannar 2021 mingħand il-Ministru Zammit Lewis (riprodotta hawn mingħajr il-kuntratt anness). |

DOKUMENT A

**From:** <carmel.cacopardo@adpd.mt>
**Date:** 08 January 2021 at 10:24:57 GMT+1
**To:** <commissioner@standardscommissioner.com>
**Subject: talba ghal investigazzjoni**

Ghaziz Dr Hyzler,

Nigbed l-attenzjoni tieghek ghal dak ppubblikat fuq The Shift News il-bierah fil-ghaxija fejn qed jigi allegat l-ghoti ta' Direct Order ta €50,000 mill-Ministru tal-Gustizja Edward Zammit Lewis lill-avukat Dr Cheryl Azzopardi.

Dan qed jigi rrappurtat fil-kuntest ta' klijentelizmu sfrenat u abbuz ghal vantagg elettorali.

Gentilment nitolbok tinvestiga.

Edward Zammit Lewis using direct orders to lure Chris Cardona's votes (theshiftnews.com)

**Carmel Cacopardo**
**Chairperson – ADPD - The Green Party.**

**Tel : +356 [redacted]**

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

11 ta' Jannar 2021

L-Onor Dr Edward Zammit Lewis
Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza
u l-Governanza

Bl-email fuq l-indirizz:
edward.a.zammit-lewis@gov.mt

Ministru,

**Każ K/034: Allegazzjoni ta' klijenteliżmu fl-ingaġġ tal-avukat Dr Cheryl Azzopardi bħala konsulent legali**

Jiena ġejt mitlub biex ninvestiga ilment mgħoddi lili minn Carmel Cacopardo rigward l-ingaġġ tal-avukat Dr Cheryl Azzopardi, allegatament għal skopijiet ta' "*klijentelizmu sfrenat u abbuz ghal vantagg elettorali*".

Qed nirriproduċi l-kontenut tal-ilment hawn taħt:

> *Nigbed l-attenzjoni tieghek ghal dak ppubblikat fuq The Shift News il-bierah fil-ghaxija fejn qed jigi allegat l-ghoti ta' Direct Order ta €50,000 mill-Ministru tal-Gustizja Edward Zammit Lewis lill-avukat Dr Cheryl Azzopardi.*
>
> *Dan qed jigi rrappurtat fil-kuntest ta' klijentelizmu sfrenat u abbuz ghal vantagg elettorali.*
>
> *Gentilment nitolbok tinvestiga.*
>
> *Edward Zammit Lewis using direct orders to lure Chris Cardona's votes (theshiftnews.com)*
>
> *Carmel Cacopardo*
>
> *Chairperson – ADPD - The Green Party.*

Jien qed nikkunsidra dan l-ilment fil-kuntest tal-kodiċi tal-etika tal-Ministri u s-Segretarji Parlamentari li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta). Id-dispożizzjonijiet li jidhru li huma relevanti huma l-artikoli 4.5, 4.7 u 5.3, li jgħidu li:

*4.5 Il-Ministri għandhom jaraw li d-dipartimenti governattivi u l-entitajiet li jaqgħu fid-dekasteru tagħhom jitmexxew tajjeb u b'għaqal.*

*4.7 Il-Ministri għandhom jassiguraw illi ma jkun hemm l-ebda konflitt ta' interess bejn id-doveri pubbliċi tagħhom u l-interessi personali.*

*5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.*

Madankollu ninnota li inti ħriġt stqarrija dwar dan il-każ fit-8 ta' Jannar 2021, u dan kif jidher fl-artiklu indikat hawn taħt:

https://www.maltatoday.com.mt/news/national/106906/adpd_asks_standards_commissioner_to_probe_justice_minister_over_direct_orders#.X_w-wuhKhPY

Inti għaldaqstant mitlub li:

1. Tikkonferma li l-istqarrija tiegħek kif rapportata fl-imsemmi artikolu tirrappreżenta l-fatti b'mod korrett, jew inkella tikkoreġiha kif ikun hemm bżonn;

2. Tipprovdi kopja tal-kuntratt tal-2015 li permezz tiegħu ġiet ingaġġata Dr Azzopardi, kif ukoll kopja tal-kuntratt imġedded fl-2019 kif imsemmi minnek fl-artiklu surreferit;

3. Tipprovdi kwalunkwe kummenti oħra li tixtieq tagħmel b'reazzjoni għall-ilment.

Napprezza risposta sa nhar l-**Erbgħa 13 ta' Jannar 2021.**

Inselli għalik,

George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT C

MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA,
L-UGWALJANZA U L-GOVERNANZA
AUBERGE D'ARAGON, PJAZZA INDIPENDENZA, VALLETTA - MALTA

**Dr George Marius Hyzler**
**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**
**11, Triq San Pawl**
**Il-Belt Valletta**

**12 ta' Jannar 2021**

Għażiż Kummissarju,

**Risposta għal K/034: Allegazzjoni ta' Klijentaliżmu fl-ingaġġ tal-avukat Dr Cheryl Azzopardi bħala konsulent legali**

Nikteb b'referenza għall-ittra tiegħek tal-11 ta' Jannar 2021 skont kif intitolata hawn fuq.

Filwaqt li nikkonferma l-fatti fl-istqarrija tiegħi skont kif rappurtati fis-sit elettroniku indikat minnek, anness qed nirriproduċi wkoll, f'Dokument *'A'*, id-dritt għar-risposta li l-Uffiċċjal tal-Komunikazzjoni tiegħi bagħtet lill-aġenzija tal-aħbarijiet MaltaToday.

Intenni li d-Direttorat in kwistjoni ġie stabbilit f'Novembru tal-2015, kien sena wara, cioè 21 Novembru 2016, li kienet ingaġġata Dr Cheryl Vassallo. F'Dokumenti *'B'*, *'Ċ'*, *'D'* u *'E'* hekk kif annessi, qed nibgħatlek l-koppji tal-kuntratti li bihom kienet ingaġġata l-Avukat inkwistjoni, mad-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Integrazzjoni (HRD), sena b'sena mill-2016 sat-tiġdid tad-19 ta' Marzu 2019.

Skont kif kien rappurtat lili meta assumejt ir-responsabbiltà ta' Ministru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza f'Lulju tal-2019, u sussegwentement meta dħalt sew fl-irwol, dejjem kont infurmat li Dr Cheryl Vassallo (xebba Azzopardi) dejjem qdiet dmirha b'mod professjonali u tat servizz kostanti lid-Direttorat li kienet mitluba sservi fih.

Intenni wkoll li Dr Cheryl Vassallo assolutament qatt ma kienet involuta fil-ħidma politika tas-Segretarjati tal-Ministeri rispettivi mmexxija minni u li hi dejjem irrappurtat lid-Direttur responsabbli mid-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem.

Dr Vassallo kienet involuta fit-tfassil ta' diversi abbozzi ta' liġijiet relatati mal-ugwaljanza u d-drittijiet tal-bniedem, ewlenin fost dawn hemm; l-Att dwar il-Koabitazzjoni, l-Att dwar l-Ugwaljanza, l-Att dwar il-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza, u l-Att dwar il-Vjolenza Domestika u l-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru. Hi kontinwament tassisti wkoll lid-Direttorat fi kwalunkwe ħidma legali relatata mar-responsabiltajiet ta' dan l-Uffiċċju.

Xhieda ta' dak iddikjarat minni f'din l-ittra huma s-Segretarji Permanenti tal-Ministeri rispettivi li jien kont u għadni responsabbli minnhom, kif ukoll iż-żewġ Diretturi li mexxew id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem sà mit-twaqqif tiegħu fl-2015.

L-Uffiċjali responsabbli mill-ħidma ta' Dr Cheryl Azzopardi huma:

- Mill-2019 sal-bidu tal-2020, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza, s-Sur Joe Camilleri

- Mill-2020 sal-lum, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja l-Ugwaljanza u l-Governanza, s-Sur Johan Galea

- Mill-2015 sal-2019, id-Direttur tad-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem, is-Sur Silvan Agius

- Mill-2019 sal-lum, id-Direttur tad-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem, is-Sur Michael Camilleri

Nibqa' dejjem disponibbli għal kwalunkwè kjarifika li tkun meħtieġa.

Dejjem tiegħek,

**Onor. Dr Edward Zammit Lewis**
**Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza**

**<u>Annessi:</u>**

1. Dok. A – Right of Reply lill-Malta Today
2. Dok. B – Kuntratt ta' Dr Cheryl Vassallo ma' l-HRD għas-sena 2016/17
3. Dok. Ċ – Kuntratt ta' Dr Cheryl Vassallo ma' l-HRD għas-sena 2017/18
4. Dok. D – Kuntratt ta' Dr Cheryl Vassallo ma' l-HRD għas-sena 2018/19
5. Dok. E – Kuntratt ta' Dr Cheryl Vassallo ma' l-HRD għas-sena 2019/20

Dok 'A'

<u>**Right of reply – Malta Today**</u>

***Article concerning Cacopardo _ 11 January 2021***

1. Advocate Cheryl Azzopardi was one of the first lawyers to be engaged with a contract for service within the Directorate for Human Rights (HRD), back then the Directorate for Human Rights and Integration, which was set up in 2015. At the time I was Minister for Tourism.

2. Upon being appointed Minister for Equality and European Affairs in July 2019, I re-affirmed the Contract for Service for Dr Azzopardi in the above-mentioned Directorate since she has proven to be knowledgeable and fit for purposes.

3. Dr Azzopardi has been part of the legal team that worked on the process to draft Bills 96 and 97 (the Equality Bills). Both Bills are still undergoing a parliamentary process to become Acts of Parliament. These are two historic pieces of legislation favouring Equality at a European level.

I believe that, minimum standards should be set for politicians to check the facts before forwarding such unfounded allegations and moreover to make caluminous reports.

Kummissarju għall-Istandards
fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT D

20 ta' Jannar 2021

L-Onor Dr Edward Zammit Lewis
Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza
u l-Governanza

Bl-email fuq l-indirizz:
edward.a.zammit-lewis@gov.mt

Ministru,

**Każ K/034: Allegazzjoni ta' klijenteliżmu fl-ingaġġ tal-avukat Dr Cheryl Azzopardi bħala konsulent legali**

Nirringrazzjak tal-ittra tiegħek bid-data tat-12 ta' Jannar u tad-dokumenti annessi.

Għandi nifhem li f'Marzu tal-2020 Dr Cheryl Azzopardi ngħatat kuntratt ġdid. Inti mitlub tipprovdi wkoll kopja tal-kuntratt il-ġdid għall-kompletezza tal-informazzjoni tiegħi.

Napprezza risposta sa nhar il-**Ġimgħa 22 ta' Jannar 2021.**

Inselli għalik,

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, 11, Triq San Pawl, il-Belt Valletta VLT 1210, Malta
(+356) 27 269 593 office@standardscommissioner.com www.standardscommissioner.com

# DOKUMENT E

MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA,
L-UGWALJANZA U L-GOVERNANZA
AUBERGE D'ARAGON, PJAZZA INDIPENDENZA, VALLETTA - MALTA

**Dr George Marius Hyzler**
**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**
**11, Triq San Pawl**
**Il-Belt Valletta**

**21 ta' Jannar 2021**

Għażiż Kummissarju,

**Re: Każ K/034, Allegazzjoni ta' klijenteliżmu fl-ingaġġ tal-Avukat Dr Cheryl Azzopardi bħala konsulent legali**

Niktiblek b'referenza għall-ittra tiegħek bid-data 20 ta' Jannar 2021.

Kif rikjest minnek, qed nibgħatlek il-kuntratt li l-Ministeru mmexxi minni ġedded lill-Avukat in kwistjoni f'Marzu 2020.

Kif taf tajjeb inti, mal-bidla fl-Amministrazzjoni f'Jannar tal-2020, il-Prim Ministru appuntani f'Ministeru ġdid u din id-darba għamel Segretarju Parlamentari biex tassisti l-ħidma Ministerjali tiegħi.

Għalhekk, filwaqt li Dr Cheryl Azzopardi kienet ilha tippresta tali servizz professjonali f'dan ir-rigward sà mill-2016, nikkonferma li l-Ministeru mmexxi minni ġedded il-kuntratt ta' servizz tagħha. Ninfurmak li l-Avukat bdiet taqa' taħt ir-responsabbiltà politika diretta tas-Segretarju Parlamentari.

Ninfurmak ukoll illi l-kuntratt kien imġedded fuq l-istess termini, jiġifieri li hi taqdi dmirha fid-Direttorat għad-Drittjiet Umani u tirrispondi lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tiegħi u lid-Direttur ta' dan id-Dipartiment.

Dejjem tiegħek,

**L-Onor. Dr Edward Zammit Lewis**
**Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza**

Anness: Kopja tal-kuntratt li ġġedded fl-2020